MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 56/1995/2

**Matthew Hayes bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Hayes Insurance Agency Ltd. u din in rapprezentanza tas-socjeta` estera Pearl Assurance PLC kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assigurat taghhom Stephen Ellul Sullivan, u l-istess Stephen Ellul Sullivan**

**Vs**

**France Farrugia**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine et* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi waqt li l-assigurat ta' l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu numru C-1784 minn Manwel Dimech Street Qormi fl-10 ta' April, 1993 huwa safa involut f'incident

awtomobilistiku mal-vettura li kienet misjuqa mill-konvenut numru S-6019 liema incident gara tort unikament tal-konvenut u b'rizultat ta' dan, il-vettura ta' l-assigurat ta' l-attur sofriet danni sostanzjali, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi dan l-incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuraggini, imperizja, negligenza, non-curanza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu, u dan skond kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza billi mar idawwar go triq sekondarja bla sinjal ta' xejn u meta mhux suppost u bi *speed* qawwi u b'hekk tkisser hu u kisser ukoll il-vettura ta' l-assigurat ta' l-attur;

Premess illi meta l-konvenut gie mitlub jikkompensa lill-attur *nomine* huwa baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine et* lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikkjara illi din il-kollizzjoni grat tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenut;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, fis-somma ta' Lm1789.23;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine et* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel talba kellha tigi michuda ghax ghall-incident *de quo* kien jahti Stephen Ellul Sullivan;

2. Illi, riferibilment ghat-tieni talba, ma kienx hemm danni ta’ l-atturi x’jigu likwidati fil-konfront ta’ l-eccipjenti;

3. Illi, riferibilment ghat-tielet talba, ma kienx hemm ebda somma li l-eccipjent ghandu jigi kundannat ihallas lill-atturi;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-10 ta’ Mejju 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala perit gudizzjarju Dr. Edgar Depasquale biex wara li jambjenta ruhu mal-lokalita` ta’ l-incident u b’hekk ikun aktar f’qaghda li aktar jistharreg il-kaz u wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz u occorrendo jillikwida d-danni;

Rat ukoll id-digriet tat-18 ta’ Marzu 1996 li permezz tieghu l-Qorti ssostitwit lill-imsemmi perit nominat b’Dr. Joseph Azzopardi fl-istess inkarigu u fakoltajiet moghtija lill-espert precedenti;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Dr. Joseph Azzopardi li tinsab a fol. 46 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tad-9 ta’ Ottubru 1998;

Rat in-noti pprezentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Il-habta bejn iz-zewg vetturi tal-kontendenti grat fl-10 ta’ April 1993 fi Triq Manwel Dimech, Hal Qormi;

Meta xehed fis-27 ta’ Frar 1997 is-sewwieq assikurat tas-socjeta` attrici jghid li kien qed isuq fuq il-lemin tal-karreggjata fid-direzzjoni ta’ Hal Qormi bit-30 mil fis-siegha. Il-vettura tal-konvenut inqalghet minn posizzjoni ta’ parkegg, rah hiereg, haseb li ser jieqaf pero` baqa’ hiereg biex idur fuq in-naha opposta tat-triq li taghti fid-direzzjoni tal-Hamrun;

Minn naha tieghu l-konvenut jghid li hu ried imur fi triq De la Cruz Avenue. Kien xeghel l-*indicator* minn hafna qabel u beda jersaq bil-mod lejn il-lemin. Spjega li hu qaghad jistenna t-traffiku ghaddej l-isfel qabel ma jikser u waqt li kien imdawwar xi zewg metri boghod mil-linja medjana tat-triq saret il-habta;

Dawn huma l-unici provi li tressqu f’din il-kawza apparti l-konferma tas-Surgent, li nvestiga l-incident, ta’ l-iskizz u l-okkorrenza;

Id-determinazzjoni tar-responsabilita` ghal kollizjoni jemergi mill-posizzjoni fit-triq tal-vetturi qabel il-habta. Jidher li l-punt nevralgiku tal-kwestjoni u l-kawza effettiva preponderanti tal-kollizjoni kien il-fatt tat-traversar orizzontalment da parte tal-konvenut bil-wisa ta’ dik il-parti tat-triq minn fejn kien gej is-sewwieq l-iehor, sussidjat mill-fatt illi ma jidherx li kellu tempestiva konsapevolezza ta’ l-avvicinament tal-vettura l-ohra. Dan fil-fehma tal-Qorti, u tal-perit legali qabilha, kjarament juri li l-konvenut naqas mill-obbligu elementari li jzomm “*a proper look out*”, qabel, fil-mument u waqt li kien qed jaghmel din il-manuvra;

Il-konvenut donnu jistrieh principalment fuq id-difiza illi hu kien minn hafna qabel il-habta xeghel l-*indicator*. Din is-senjalazzjoni pero` ma kienetx wehida tezentah minn kwalunkwe mizura prekawzjonali ohra u principalment u

senjatament li jassikura li t-triq kienet libera b'mod li kienet tippermettilu jibda, ikompli u jtemm il-manuvra li xtaq jaghmel;

Minn naha l-ohra, l-istess bhal perit legali, wara li kkonsidrat ic-cirkostanzi kollha rizultanti, il-Qorti ma tistax tikkondividi l-veduta tas-socjeta` attrici assiguratrici li fil-fattispecie tal-kaz in ezami l-kawza assorbenti u efficjenti tal-kollizjoni kien in-nuqqas tal-konvenut biss. Dan ma kienx il-movent esklussiv tas-sinistru. Jidher anzi, li l-konvenut irnexxielu juri li b'xi mod is-sewqan ta' l-assigurat tas-socjeta` attrici kien negligenti jew ikkontribwixxa ghall-incident;

Jirrizulta li l-vettura ta' Stephen Ellul Sullivan halliet *brake marks* ta' tlieta u ghoxrin (23) metru li jindikaw eccessivita` ta' *speed*. Din hi prova certament materjali li ghandha piz u valur hafna f'din l-istanza ghax taghti indikazzjoni cara tal-velocita` fis-sewqan. Kienet velocita` li toltrepassa l-velocita` regolamentari u allura messha allarmat lil dan is-sewwieq biex jirrallenta. *Multo magis*, imbaghad, meta, kif koncess minnu, hu kellu "*warning*" bis-senjalazzjoni li ghamel il-konvenut;

Issa hu veru li *speed* eccessiv wahdu mhux dejjem u bilfors ghandu jitqies bhala fattur fih innifsu li jaghti lok ghal habta. Sfortunatament pero` f'pajjizna fl-idea ta' bosta sewwieqa, hekk kif jimbokkaw toroq fejn certu *speed* hu konsentit, jabbuzaw u t-triq jitrasformawha f'pista tat-tlielaq b'mod li kif hekk sehh f'dan il-kaz ikun difficli mbaghad li jarrestaw tempestivament il-vettura f'kaz ta' emergenza. F'sitwazzjonijiet bhal dawn huma l-ftit li jibqghu konxji tal-fatt li l-istat tat-traffiku kapaci jinbidel f'tebqa ta' ghajn;

Kien ghalhekk ghal kollox korrett il-perit legali li jaddossa parti mill-htija anke fuq l-attur;

Fin-Noti rispettivi ta' kritika taghhom ghar-rizultanzi peritali l-kontendenti jargomentaw illi t-tort ma kellux jigi distribwit fil-mod kif raggunt mill-perit legali;

Fuq is-suggett hu pacifikament akkolt illi “meta jkun hemm htija kontributorja huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-proporzjoni li fiha d-danneggjat ikun ikkontribwixxa ghal, jew ikkaguna l-hsara li garrab; kollox jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz.” (**Vol. XLVIII P I p 59**);

Valjati dawn ic-cirkostanzi fil-kaz partikolari hawn ezaminat il-Qorti ma tarax illi l-proporzjon stabbilit mill-perit relatur kien wiehed inekwu u ghalhekk ma jidherx li hu l-kaz li dan jigi disturbat.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara li r-responsabilita` ghall-kollizjoni ghandha tigi apporzjonata kwantu ghal terz (1/3) ghall-attur Stephen Ellul Sullivan u zewg terzi (2/3) ghal konvenut;

Tilqa’ t-tieni domanda billi tillikwida d-danni li ghandhom jithallsu mill-konvenut fl-ammont ta’ elf mija u tnejn u disghin lira Maltija, sebgha u tmenin centezmu (Lm1192.87,0);

Konsegwentement tilqa’ t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma fuq likwidata in linea ta’ danni, bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (26 ta’ Jannar 1995).

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kwantu ghal terz (1/3) mill-atturi u kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------